KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 45

Il-Ħamsa u erbgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 1 ta' Settembru 2015 fis-6.25pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta kompliet b'din l-Agenda:*

1. *Tiġdid ta' kuntratti*
2. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
3. *Aġġornament*

## 1. TIGDID TA' KUNTRATTI

1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kuntratti tal-manutenzjoni tat-toroq (Philip Agius and Sons), l-Accountant (3A), manutenzjoni

*soft areas* (ELC) se jiskadu din is-sena. Is-SE saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li dawn jiġġeddu għal sena bl-istess prezz li huma prezentament u t-talba għal tender ġdid tissejjaħ għas-sena d-dieħla. Kien hemm qbil li jiġġeddu għal sena bil-kundizzjoni li t-tenders tas-sena d-diehla jigu riveduti mill-kumitat qabel jinhargu.

2. **SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA**

2.1 Is-Sindku informa li se jkun hemm *deposit* mil-fondi tar-regjun.

2.2 Dwar il-proġett tal-Gnien Indipendenza is-Sindku fakkar li kellha ssir tabella biex il-Kunsill javza lill-pubbliku bil-proġett li se jsir. *Proġett Gnien Indipendenza*

2.3 Is-SE fakkar li l-prijorita ta' dan il-proġett huwa d-dawl. L-i*specifications* iridu jiġu mill-Ing. Borg skond kif kien qabel l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li nimxu hekk, izda jekk ma ninghatawx twegiba fil-jiem li gejjin, nmexxu direttament mal-Perit tal-Kunsill.

2.4 Il-Kunsill ġie infurmat li hemm laqgħa organizzata mill-Ministeru tal-Finanzi dwar il-Budget 2016. Il-Kunsill qabel li xi membri jattendu u jitkellmu dwar kif il-*financial allocation* ma hux qegħda sservi lill-Kunsilli. Is-SE għandu jlesti rapport u s-Sindku u l-Viċi Sindku għandhom ikunu prezenti għal din il-laqgħa. *Laqgħa – Ministeru tal-Finanzi*

2.5 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera li meta jressqu s-suġġerimenti tagħhom izommu f'moħħhom il-budget tal-Kunsill. Is-SE qal li uħud mill-proġetti proposti jistgħu ma jiġux approvati mill-ewwel, issuġġerixxa li dawn jiġu kkalkulati waqt *finance committee* u wara jitressaq għall-approvazzjoni f'laqgħa ta' Kunsill . *Proposti mill-Kunsill*

2.6 Il-Viċi Sindku saqsa jekk affarijiet zgħar jistgħux jgħaddu mill-ewwel. Is-SE fakkar li sa l-aħħar tas-sena nistgħu inkunu fi zbilanċ jekk il-Kunsill ma joqgħodx attent. Is-Sindku fakkar li tajjeb li l-Kunsill jgħaraf il-prijoritajiet.

*Il-Kunsillier P. Radmilli daħal għas-seduta fis-6.55pm (għaliex kien waqt laqgħa tar-Regjun)*

2.7 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li xi drabi tressaq xi proposti zgħar u ma jkunux għadhom saru meta tara li proposti li jkunu mressqa minn ħaddieħor oħra ikunu diġa saru.

2.8 Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li kull proġett jiġi kkalkulat mil-perit tal-Kunsill u wara jitressaq *finance committee* jekk tkunx prijorita li jsir jew le.

2.9 Il-Kunsillier P. Portelli qal li ġie avviċinat minn kumpanija u ressaq proposta biex jitpoġġew apparat li jista jintuza għal *outdoor gym*. Il-Kunsill ma jkollu l-ebda spejjes fi flus għal dan izda talab li jkun hemm qbil fuq riklamar jew ħaġa oħra simili. *Outdoor gym*

2.10 Is-Sindku fakkar li waqt waħda mil-laqgħat lil kellu mat-Tourism Zone Committee kien ġie diskss l-idea ta' *outdoor gym* fil-galleriji tal-promenade u qal li għada stess hemm laqgħa oħra li jista jressaq xi *costings*. Kien hemm qbil li tista tintuza din l-istess proposta.

2.11 Il-Viċi Sindku informa li kellem lil Charles Grech dwar ix-xelter f'Dingli Circus għal *sponsorship* għal dan il-proġett ta' restawr. Huwa qal li dan lest li jiltaqa mal-Kunsill għal aktar dettal u kif hu jista jiehu xi reklamar kontra tali sponsorship. *Xelter – Dingli Circus*

2.12 Is-Sindku fakkar li għad hemm il-problema tal-bokka tal-entratura min-naħa tal-Metropole u li t-triq trid tinqala. Il-Viċi Sindku qal li x-xogħol ma sarx kif kien propona l-perit Edward Said u b'hekk hemm dik il-problema.

2.13 Il-Viċi Sindku ressaq proposta dwar *electric taxis* biex joffru servizz fil-konfini f'Tas-Sliema. Is-Sindku kien kellem lit-TM u kien ġie infurmat li l-Kunsill jista jagħmel dan is-servizz. Ġie propost li se jitwaqqaf kumitat għall-aktar diskussjonijiet u se jkun magħmul mis-Sindku, Viċi Sindku, il-Kunsilliera P. Portelli u V. Galea Pace. *Electric taxis*

2.14 Il-Kunsillier P. Radmilli tkellem dwar ir-riforma l-ġdida tas-sistema tal-wardens u se jiġri miċ-ċitazzjoni li jitħallsu wara għaliex din ir-riforma se ssir f'Ottubru li ġej. Qal li intloħoq ftehim li dawk akkumulati se jitqassmu *in proportion* mal-Kunsilli konċernati. *Riforma - Regjuni*

2.15 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li waqt il-laqgħa tar-regjun propona li ssir prezentazzjoni minn rapprezentant tal-aġenzija kif se taħdem din is-sistema ġdida fejn eventwalment ikun hemm aġġornament tal-mistoqsijiet li jinqalgħu.

2.16 Il-Kunsillier P. Radmilli propona wkoll li l-permessi jibdew jinħarġu b'sistema elettronika gdida li jkun hemm mappa u wieħed ikun *Permessi li jinħarġu mill-Kunsill*

jista japplika *on line*. Is-Segretarju Ezekuittiv qal li aħna wieħed mill-ftit Kunsilli li għandna sistema elettronika, izda l-mappa tat-toroq għada manwali. Is-SE qal ukoll li s-sistema *on line* mhux daqshekk faċli għal Tas-Sliema minħabba n-numru kbir ta' permessi li jintalbu u jista jinħoloq aktar problemi għaliex sakemm wieħed qiegħed japplika *on line* jista jkun hemm xi ħadd li ġie l-Kunsill biex japplika għal permess personalment, filwaqt qal li jkun tajjeb li niddiskutu mal-*users* li jieħdu ħsieb il-permessi għaliex hemm ħafna aktar wieħed x'janalizza.

2.17 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li din tista toħloq aktar diffikultajiet għal min mhux komdu li japplika *on line*, qalet ikun tajjeb li tibqa l-għazla li l-applikant jista jiġi jagħmel permess l-uffiċċju tal-Kunsill ukoll.

2.18 Il-Kunsillier P. Radmilli ssuġġerixxa li nibdew bl-ewwel pass li ninvestu f'sistema tal-mappa elettronika imbgħad il-Kunsill jara minn hemm. Is-SE fakkar li importanti li l-*users* ikunu involuti.

Is-Segretarju qal li legalment, jibqa dejjem li permess huwa validu la darba jithallas. U ghaldaqstant, trid tintesa l-idea tal-'*booking*' li qed tissemma min xi Kunsilliera.

2.19 Dwar il-ħamiem kien hemm qbil li l-Kunsill jixtri l-pilloli addatti sabiex dawn ma jkomplux jizdiedu fil-lokalita. *Ħamiem*

2.20 Il-Kunsillier D. Muscat qal li kien hemm tibdil fid-data għal *Sliema Day* minħabba li t-Teatru tas-Salezjani diġa ibbukkjat sa Diċembru 2015. Il-Kunsill għandu jipprova jara tistax issir f'lukanda Tas-Sliema *Sliema Day*

2.21 Il-Kunsill qabel ukoll li l-iskema dwar attivitajiet mid-DLG li l-Kunsill jista jibbenifika Ewro 5000 tintuza għal *Sliema Day* u mhux għal attvitajiet tal-Milied kif kien il-ħsieb.

2.22 Il-Kunsill qabel l-isem għal din l-attivita tkun 'Sliema Wirt u Niesha'. Kien hemm qbil li s-serata ta' rikonoxximenti tkun il-Gimgħa. Se jkun hemm bord minn nies Slimizi stess biex jintgħazlu nies f'dawn il-Kategoriji:
Is-Sur Alfred Cachia – Kategorija **Sports**
Is-Sinjura Gloria Mizzi – Kategorija **Anzjani**
Is-Sur Frederick Testa – Kategorija – Kategorija **Spettaklu**
l-Imħallef Caruana Colombo – Chairperson u Kategorija **Mertu**

2.23 Il-Kunsillier J. Pillow tkellem dwar l-arbli tad-dawl tax-Xatt li huma propjeta tal-Enemalta għaliex hemm bzonn li jsir manutenzjoni. Il-Kunsill għandu jistaqsi lill-ħaddiema tal-MTI jistgħux jagħmlu zebgħa fuq dawn l-arbli. *l-arbli tad-dawl*

2.24 Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm bzonn li issir camera fejn il-*bring in sites* ta' Qui Si Sana. Il-Kunsill għandu jsaqsi lis-Sur R. Deguara. Il-Kunsill ikun jista jara l-filmati ta' min qiegħed jitfa l-iskart madwar. *Bring in sites*

2.25 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa nistgħux inkellmu lill-amministratturi tal-blokok tal-flats biex jgħinu lill-Kunsill li r-residenti joħorġu l-iskart fil-ħinijiet u l-ġranet kif suppost. Il-Kunsill P. Radmilli qal li jkun tajjeb li kieku inlaqqgħu l-amministratturi tal-blokok tal-appartamenti f'Tas-Sliema flimkien, biex jikkoperaw mal-Kunsill. Il-kunsillier P. Portelli li l-Kunsill irid jagħmel riċerka ta' min huma l-amministratturi. *Skart*

2.26 Dwar ir-rendikont tal-attivita SAF il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li fl-aħħar seduta kienet talbet li jintbgħat l-istess rendikont qabel il-laqgha tal-Kunsill. Is-Segretarju qal li din kienet biss talba, u li ma kienx hemm approvazzjoni dwara. F'dan ir-rigward talbet li jekk se ssir prezentazzjoni ma tixtieqx li itipparteċipa u tkun 'out of it'. Il-Viċi Sindku saqsa jekk għandiex dubji għaliex iċ-ċifri ħadt ma rahom qabel u li se ssir il-prezentazzjoni waqt is-seduta tal-Kunsill kif dejjem ghamilna. Il-Kunsillier P. Portelli qal li din ma setgħetx tintbgħat għaliex l-*invoices* għadhom deħlin. *SAF*

Is-Segretarju kompla u qal li anke fl-ahhar laqgha kien hemm kollox lest biex issir prezentazzjoni ibbazata fuq il-kwotazzjonijiet. Din izda twaqqfet mill-istess kunsilliera biex issir diskussjoni fuq *Sliema Day*.

L-invoices baqghu dehlin sa llum, u l-prezentazzjoni ta' llum hi ibbazata fuq l-invoices kif kien originarjament talab l-istess Kunsill. Xorta wahda, kompla is-Segretarju, l-ispejjes involuti, hafna minnhom, diga gew prezentati fl-iskedi ta' pagamenti u approvati mill-istess Kunsill. Il-kunsilliera li jridu jivverifikaw dan, diga inghataw l-iskedi fix-xhur li ghaddew.

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq is-seduta fit-8.25pm*

2.27 Il-Kunsillier P. Portelli għamel presentazzjoni dwar SAF u spjega l-ispejjez kollha li kien hemm u l-isponsors kollha li l-Kunsill ingħata. F'dan ir-rigward il-Kunsillier Portelli irringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv tal-impenn li ta' ghal din l-attivita, lis-Sindku u l-Viċi Sindku, kif ukoll lill-Kunsillier P. Radmilli li għenu anke biex jinġabru *sponsorships* fejn qal li kellu kummenti pozittivi ħafna mill-isponsors stess u diġa hemm min ta' *committment* biex jipparteċipa fl-attivita għas-sena d-dieħla.

**3. AĠĠORNAMENT**

3.1 Is-seduta waqqfet fid-21.10. Seduta li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2015 fis-6pm

Minuti approvati llum 29/09/2015

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**